MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 355/2003

**V.J. Salamone Pharma Limited gja' V. J. Salamone (Trading) Limited**

**vs**

**Ocsedet Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Frar 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tgi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u erbgha u hamsin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1,154.23) rapprezentanti prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta fuq inkarigu taghha stess.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali sal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn din eccepiet is-segwenti:-

L-ewwel nett id-ditta attrici ghandha tipprezenta kont dettaljat tal-merci mibjugha lis-socjeta' konvenuta flimkien mad-dokumenti relattivi senjatament min ghamel l-ordni relattiva kif ukoll min ircieva l-merci.
SAlv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Victor Galea. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi mix-xhieda ta' Victor Galea u mid-dokumenti minnu esebiti rrizulta ampjament li s-socjeta' attrici kkonsenjat il-merkanzija li tagha s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas fil-kawza odjerna. Mill-provi prodotti rrizulta wkoll li s-socjeta' kovenuta kienet ordnat il-merkanzija li effettivament giet konsenjata lilha mis-socjeta' attrici u li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghadu dovut.

Illi s-socjeta' konvenuta min-naha l-ohra ma resqitx provi in sostenn tal-eccezzjonijiet solevti minnha fir-Risposta.

Ghal dawn il-motivi t-~Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u erbgha u hamsin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1154.23), bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------